

Brussell, 20 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15782/18

ENV 932
FIN 1046
SAN 486
TRANS 664
ENER 458
IND 424

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	20 ta' Diċembru 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14794/18	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 23/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "It-tniġġis tal-arja: Saħħitna għadha mhix qed tiġi protetta biżżejjed"
	- Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjoniji jsibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 23/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "It-tniġġis tal-arja: Saħħitna għadha mhix qed tiġi protetta biżżejjed", kif adottati mill-Kunsill fit-3666 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Diċembru 2018.

**Rapport Speċjali Nru 23/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "It-tniġġis tal-arja:
Saħħitna għadha mhix qed tiġi protetta biżżejjed"**

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-titjib tal-analiżi ta' rapporti speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza¹:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 23/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "It-tniġġis tal-arja: Saħħitna għadha mhix qed tiġi protetta biżżejjed";
2. JIEĦU NOTA tal-Konklużjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali u JIRRIKONOXXIHOM bħala kontribut f'waqt u importanti għall-Kontroll tal-Idoneità li għaddej tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali;
3. HUWA KONXJU li s-saħħa taċ-ċittadini għadha qed tiġi affettwata mit-tniġġis tal-arja, li għadu l-akbar riskju ambjentali għas-saħħa fl-Unjoni u li jikkawża aktar minn 400 000 mewta prematura kull sena u li l-ispejjeż umani u ekonomiċi sinifikanti għadhom ma ġewx riflessi f'azzjoni adegwata mal-Unjoni kollha;
4. JIRRIKONOXXI li l-persuni f'żoni urbani huma partikolarment esposti u li l-konċentrazzjonijiet tal-inkwinanti tal-arja ma tnaqqasux biżżejjed biex ikun żgurat li l-istandards tal-kwalità tal-arja tal-Unjoni jkunu rispettati fl-Unjoni kollha;

¹ 7515/00 + COR 1.

5. JENFASIZZA li l-kwalità tal-arja tgiebet b'mod sinifikanti tul l-aħħar deċennji bl-adozzjoni tal-istandards tal-kwalità tal-arja tal-Unjoni fejn id-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali kienu muturi ewlenin ta' dan it-titjib; JAMMETTI, madankollu, li mhux l-għanijiet kollha tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali ntlaħqu kompletament;
6. JENFASIZZA l-ħtieġa li jkun hemm aktar miżuri effettivi għall-kwalità tal-arja u leġislazzjoni koerenti fil-politiki tal-Unjoni u li f'din il-leġislazzjoni tingħata prijorità lill-politiki dwar il-kwalità tal-arja u jkun hemm enfasi akbar fuqhom;
7. JINDIRIZZA l-importanza tat-tfassil u l-allinjament ta' politiki settorjali oħra bħall-enerġija, l-agrikoltura, l-ippjanar territorjali u t-trasport u li jsiru l-investimenti meħtieġa b'kontribut għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja peress li l-benefiċċji tal-politiki dwar il-kwalità tal-arja jeċċedu bil-bosta l-ispiża għall-implimentazzjoni tagħhom;
8. JENFASIZZA li t-titjib tas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u tal-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja u l-impatt tagħha fuq is-saħħa huwa kruċjali biex jingħelbu n-nuqqasijiet eżistenti u JAPPOĠĠA lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha f'dan ir-rigward;
9. JILQA' l-fatt li attwalment il-Kummissjoni qed twettaq Kontroll tal-Idoneità tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali;
10. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, għaldaqstant, biex tikkunsidra reviżjoni tal-qafas legali eżistenti bil-kunsiderazzjoni debita tar-riżultati tal-Kontroll tal-Idoneità li għaddej sabiex ikunu possibbli implimentazzjoni u infurzar aktar effiċjenti u effettivi tad-dispożizzjonijiet dwar il-kwalità tal-arja u JAGħTI PARIR li jittieħed kont tal-aktar evidenza xjentifika reċenti dwar l-impatti fuq is-saħħa tal-bniedem u li jiġu kkunsidrati l-linji gwida tad-WHO.